

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-20 ta' Diċembru 2012

**li taħtar erba' membri tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA)**

(2013/33/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jstabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 65(1) u 65(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-lista tal-kandidati mħejjija mill-Kummissjoni fit-8 ta' Awwissu 2012,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Nikolaos DEDES, imwied fil-15 ta' Diċembru 1966, Christophe HUGNET, imwied fl-1 ta' Frar 1971, Wolf-Dieter LUDWIG,

imwied fil-31 ta' Jannar 1952, u Wim WIENTJES, imwied fis-16 ta' Settembru 1937 huma b'dan maħtura bħala membri tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għal perijodu ta' tliet snin.

### *Artikolu 2*

Id-data li fiha jibda l-perijodu ta' tliet snin imsemmi fl-Artikolu 1 għandha tkun determinata mill-Bord ta' Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. FLOURENTZOU

<sup>(1)</sup> ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.